MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

**ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 663/1997/1

Emanuel Mula
vs
Direttur Dipartiment tax-Xogholijiet

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1990 u 1994, ir-rikorrent sofra ingustizzji f'li gie moghti trasferimenti u li ma nghatax promozzjoni kif kien jisthoqqlu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor, illi r-rikorrent kien ilu snin jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet, u li wara erbgha u ghoxrin sena jahdem fid-distrett ta' Tas-Sliema, fl-10 ta' Ottubru 1994, ir-rikorrent kien gie trasferit, minghajr ebda raguni, ghad-distrett tal-Mellieha. Illi l-post tar-rikorrent gewwa Tas-Sliema kien inghata lil haddiem li kellu anqas

seniority minn tar-rikorrent. Illi minhabba dan it-trasferiment ir-rikorrent tilef il-beneficcju tal-“overtime”.

Illi fl-1990, ir-rikorrent kien applika u ghamel “interview” ghal Technical Officer 1 u li huwa kien hassu mar tajjeb f’dan l-interview. Illi r-rikorrent xorta wahda ma kienx intaghazel ghal dan il-promotion. Ir-rikorrent kien konvint illi ma hax din il-promozzjoni minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni dan l-ilment tieghu quddiem dan it-Tribunal, lix-xhieda kollha indikati fir-rikors.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment tieghu skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi r-rikorrent jinghata l-promozzjoni ta’ Technical Officer 1 jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens fl-ammont ta’ kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi r-rikorrent kien gie impjegat fil-grad ta’ Labourer b’effett mill-10 ta’ Lulju 1970. Hu kien gie promoss ghal grad ta’ Supervisor fid-9 ta’ Jannar 1981. Fl-1 ta’ Dicembru 1981 hu kien lahaq il-grad ta’ Chargehand. Sussegwentement ir-rikorrent sar Works Technical Officer b’effett mill-15 ta’ April 1987. Fl-1 ta’ Jannar 1991 permezz tar-Riforma li sehhet fis-Settur Pubbliku, ir-rikorrent kien gie assimilat fil-grad ta’ Technical Officer kariga li ghadu jgawdi sal-lum.

Illi mid-dokumenti rrizulta li r-rikorrent kien gie trasferit kif segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| **District 4** | **District 15** | **10/10/1994** |

| District 15 | Street Numbering Unit | 27/09/1995 |
|---|---|---|

Illi dawn it-trasferimenti ma kienux oppressivi, ma kkagunawx sofferenza ndebita lir-rikorrent u ma kienux il-frott ta’ agir oppressiv, izda kienu gustifikati mill-principju tal-mobilita` ta’ l-impjegati pubblici.

Illi r-rikorrent kien applika ghal Sejha Numru 59/88 datata 20 ta’ Mejju 1988 u nghata n-numru 8 bhala n-numru ta’ referenza. Hu gab 35 marka izda l-anqas marka biex wiehed jigi kkonsidrat successiv kienet ta’ 50 u ghaldaqstant ir-rikorrent ma rnexxielux jissodisfa l-kriterji pristabbiliti tal-Bord.

Ra l-elenku tax-xhieda flimkien mad-dokumenti esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrentipprezenta affidavit li semma li hu jahdem bhala Technical Officer fid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Hu sostna li meta applika ghal Senior Technical Officer, ghalkemm mar tajjeb xorta wahda ma giex moghti l-grad. Semma li bhala esperjenza kellu hafna aktar minn haddiehor.

Qal li f’dak iz-zmien kien fl-aqwa distrett li kien hemm u kien responsabbli minn xi tnax il-guy li kienu jiehdu xoghol ta’ toroq u bankini u sahansitra tiswija fil-housing.

Semma wkoll li kien gie moghti trasferimenti ingusti meta b’mod partikolari gie moghti t-transfer mid-distrett 4 ghad-distrett numru 15 fl-10 ta’ Ottubru 1994 u dan per kawza ta’ strike ordnat mill-GWU, u hu kien hareg bl-istrajk. Dan certament kien ukoll transfer ta’ natura politika skond ma

sostna r-rikorrent. Izda wara ppreciza illi fil-fatt huwa kien strajkja wara li kien ha t-transfer minn Tas-Sliema ghal Mellieha u cioe` wara li ha t-transfer mir-raba' distrett ghal 15-il distrett.

Mistoqsi in kontro-ezami jekk fil-fatt kienx applika fl-1988 u mhux fl-1990 semma li jista' jkun, peress li ma jiftakarx id-data ezatta. Ikkonferma li kien applika skond id-dokument a fol 7 u 8 tal-process. Semma li s-Sur Spiteri Bailey kien wiehed mill-membri tal-bord.

Hu kkonferma illi bhala stat ta' fatt gab 0 ghal qualifications minn 20, 10 marki minn 40 ghal trade experience, 5 marki minn 10 ghal Departemental knowledge u 20 marka minn 30 ghal personality leadership b'total ta' 35 izda sostna li l-marki li nghatw ma kienux sufficjenti.

Semma li bhala trade experience kien Deputy District Officer fid-distrett ta' Tas-Sliema. Ikkonferma li kien sar Work Technical Officer fil-15 ta' April 1987 u cioe` gimghatejn qabel l-elezzjoni generali. Mill-1 ta' Jannar 1991, minhabba r-riforma tas-servizz pubbliku beda jissejjah Technical Officer.

Ir-rikorrent esebixxa certifikat li jidher a fol 110 tal-process. Mistoqsi jekk kopja ta' dan ic-certifikat kienx gie esebit meta applika ghall-promozzjoni ta' l-1988 semma li hu mhux cert dwar dan izda c-certifikat kien ghandu qabel dak iz-zmien.

Xehed Joe Cutajar Assistant WTO li semma li jaf lir-rikorrent u ghamlu zmien jahdmu flimkien. Kien fis-sens li hu kien l-Assistent tar-rikorrent. Sostna li r-rikorrent kien kapaci fix-xoghol tieghu u infatti ta' fuqu kien dejjem jassenja x-xoghol lir-rikorrent.

Semma li fl-1994 ir-rikorrent kien gie trasferit il-Mellieha u minfloku kien gie wiehed Frans Farrugia li kien gie mid-distrett tar-Robba u li kien fi grad ta' Assistant WTO u li kien junior tar-rikorrent.

Xehed John Galea Senior Technical Officer li semma li kien fid-distrett tal-Mellieha ghall-habta ta' l-1994 meta sar jaf lir-rikorrent. Kien kellmu d-Direttur ta' dak iz-zmien is-Sur Farrugia u kien qallu li ser jibghatlu lir-rikorrent minn Tigne. Ma jafx ir-raguni tat-transfer izda dan kien sehh ghall-habta ta' l-1994. Lir-rikorrent kien sabu tajjeb hafna fuq ix-xoghol tant li huwa kien Deputy u fejn ma kienx ikun prezenti kien imur huwa bix-xoghol. Qatt ma ghamel ilmenti dwar ir-rikorrenti.

Xehed Piu Farrugia li llum irtirat izda l-kariga tieghu kienet ta' District Officer. Semma li r-rikorrent kien diga` stazzjonat fid-distrett tas-Sliema meta mar hemmhekk hu. Ix-xoghol tar-rikorrent kien li jqassam ix-xoghol filghodu u kellu s-sezzjoni tal-bankini taht idejh. Qal li r-rikorrent dejjem kien jaghmel xoghlu u kien jaghmel l-ahjar tieghu fix-xoghol. Meta kien ikun nieqes hu kien jiehu over ir-rikorrent.

Xehed Raymond Bugeja Technical Officer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet. Semma li hu kien ha transfer u gie irriplejsjat mis-Sur Naudi. Qal li r-rikorrent meta kien mar mieghu kien Technical Officer. Semma li r-rikorrent kien dam jahdem mieghu ghal xi 8 xhur. Qal li r-rikorrent kien igib ruhu tajjeb mieghu.

Xehed Walter Attard Principal fil-Human Resources section tad-Dipartiment tax-Xogholjiet u kkonferma l-informazzjoni li hemm fl-ewwel paragrafu tar-risposta tad-Dipartiment fejn dik l-informazzjoni li hemm mnizzla fl-ewwel paragrafu tinsab fil-personal record sheet. Fir-rigward tal-call for applications ta' l-1988 qal li dawn kienu ghall-postijiet ta' TO1 jew 2 u din skond OPM Circular 59/88. Ir-rikorrent kien WTO u ghalhekk seta japplika ghall-grad li jmiss kien TO1. Ghamel referenza ghal dokument esebit a fol 28 tal-process ir-rizultat ghal din is-sejha ta' l-applikazzjoni fejn hemm in-numru ta' dawk li gew promossi kemm ghal TO1 u TO2. Ghal TO1 hemm 30 ufficjal li gew promossi. Rigward il-promotion exercise ta' l-1988 hemm 70 applikant li gabu marka oghla mir-rikorrent jigifieri bejn 35 sa 50 punt jigifieri li m'ghaddewx izda li gabu marka oghla mir-rikorrent u dawn is-70

persuna hadd minnhom ma nghata l-appointment. Ukoll ghamel referenza ghal dokument esebit a fol 48 u 49 li kienet sejha personali ghal dawk in-nies li kellhom ilment pendenti quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ghall-Ingustizzji. Tlieta mill-persuni ghalkemm ma setghux japplikaw ghac-cirkolari jew ghas-sejha ghall-applikazzjoni 59/88 thallew japplikaw minhabba sejha addizjonali u dawn dejjem marbut mal-kundizzjoni illi huma jirbhu l-kaz taghhom quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ghall-Ingustizzji. Fil-fatt l-appointments kienu hargu mill-MPO u nghataw kollha f'daqqa u dak li xehed fuqhom huma ta' zewg applications flimkien 109/88 u 59/88. Ghamel referenza ghal dokument esebit minn 54 sa 57 tal-process li huwa rizultat tal-promotion exercise ta' l-1988. Ic-Chairman tal-bord kien Vince Magri. Peress li r-rikorrent m' ottjenix 50 marka ma nghatax il-promozzjoni.

**KONKLUZJONIJIET:**
L-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq li ma hax promozzjonijiet ghalkemm fil-korp tar-rikors semma wkoll it-trasferimenti, izda fit-talba a fol 2 tal-process talab "li jinghata rimedju billi l-esponent jinghata l-promozzjoni ta' Technical Officer I, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jidhirlu xieraq dan it-Tribunal." Ghalhekk trasferimenti ma humhiex imsemmija fit-talba u t-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni taghhom. Jifdal ghalhekk li jigi ezaminat in-nuqqas ta' promozzjoni.

Meta wiehed jezamina d-dokument a fol 60 tal-process hawnhekk jinduna li r-rikorrent gab il-marki segwenti u cioe` 0 bhala kwalifiki minn 20, 10 minn 40 bhala trade expierence, 5 minn 10 Departimental knowledge u 20 minn 30 ghal personality leadership b'total ta' 35. Certament illi t-Tribunal ma jista' jikkumenta xejn dwar kwalifiki ghax jekk ir-rikorrent ma ghandux kwalifiki ma jistax jiehu aktar minn 0. Dwar Departimental knowledge nghata nofs il-marki u dwar personality leadership inghata zewg terzi tal-marki u ghalhekk hawnhekk it-Tribunal ma jistax jikkummenta. L-unika kummenti li jistghu isiru dwar trade expierence u cioe` kif inhi li r-rikorrent inghata biss kwart tal-marki.

Pero` jigi osservat illi r-rikorrent fil-fatt gab 35% tal-marki u cioe` biex jikwalifika jonqsu minn ta' l-inqas 15-il marka ohra oltre illi kif irrizulta mix-xhieda ta' Walter Attard hemm mas-70 persuna ohra li gabu marki aktar minnu.

Ir-rikorrent ma gab ebda prova illi fil-fatt hu kien haqqu aktar marki minhabba seniority ghax l-anqas biss esebixxa lista tas-seniority.  Ma ppruvax illi kellu xi kwalifiki, l-anqas ma tant ghandu xi referenzi specjali li jiggustifikaw il-fatt illi r-rikorrent jinghata aktar marki.

Ghalhekk ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat u jichad it-talba.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.